Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 80/2010AE

**Danrea Limited**

**Vs**

**Adrian Agius**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016.

L-attrici pproponiet kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas tas-somma ta' €10,944, spejjez li qalet li ghamlet biex tirrimedja ghal difetti li rrizultaw f'soqfa li saru mill-konvenut fuq inkarigu taghha gewwa fond fi Triq Rossa, Hal Qormi.

Il-konvenut wiegeb li m'huwiex responsabbli ghad-danni u li x-xoghol li ghamel kien skond is-sengha u l-arti. Zied li l-konkos li ntuza kien inxtara minn Michael Said, direttur tas-socjeta attrici, minghand Zahra Concrete Limited.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Mejju 2014 gew michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-qorti kkundannatu jhallas lill-attrici s-somma ta' ghaxart elef mitejn u hamsa u tletin ewro (€10,235), danni li sofriet l-attrici minhabba xoghol difettuz li wettaq il-konvenut.

Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravji huma li:-

1. L-appellata ma tatx prova tar-raguni li wasslet ghall-allegata hsara fis-soqfa. Il-perit Stephen Psaila, xehed li kien sar jaf bil-problema meta gie mharrek mill-konvenut biex jixhed f'din il-kawza. Ix-xhud spjega kif il-metodologija li ntuzat fil-bini tas-soqfa kienet propju dik segwita fil-bini.
2. Ghalkemm l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 1638 tal-Kodici Civili, f'dan il-kaz ma kienx hemm l-elementi mehtiega mil-ligi sabiex jigi applikat il-provvediment.

L-appellata wiegbet li ma kienx hemm ragunijiet sabiex din il-qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti. Ir-responsabbilta tal-appellant hi cara.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni u tosserva:-

1. Mill-provi rrizulta li l-appellant kien gie nkarigat mis-socjeta appellata fil-bini ta' blokk li jikkonsisti f'zewg appartamenti. Il-materjal

ipprovdietu l-appellata. Irrizulta li f'wiehed mill-appartamenti kien hemm konsenturi f'soqfa ta' xi kmamar filwaqt li fl-appartament ta' fuq kien hemm konsenturi f'wahda mill-kmamar. Kien sar test tal-konkos, u rrizulta li ma kienx ta' kwalita' inferjuri.

2. L-ewwel qorti kellha d-deposizzjoni tal-perit Christopher Azzopardi li xehed:-

   *"Il-qsim meta rajtu, rajt illi kien go sular shih. Kien fl-ispare bedroom, fil-main bedroom u fil-kitchen living area tal-ewwel sular. Kien hemm ukoll involut il-living area tas-second floor ukoll. Dan il-konkos tas-saqaf kien maqsum dara mejt mal-hitan. Dan juri illi l-konkos ixxirja. Jien iddecidejt illi dan gara ghaliex meta ntrama s-saqaf ma kienx mirfud sewwa jew inkellha tghabba kmieni wisq u ha xi skossi meta ghabbew il-gebel fuqu u allura faqqa' dawra mejt"* (fol. 25).

   Fil-fatt f'rapport datat 13 ta' Jannar 2010 l-istess perit kiteb:

   *".... hence* ***cracks might have occurred due to overloading over the slab during curing time of the concrete or the removal of the propping underneath the slab before the concrete had reached sufficient strength****"* (fol. 29).

   L-istess xhud spjega li bhala sahha, mit-testijiet li saru rrizulta li l-konkos kien ta' kwalita' tajba ghall-progett li kien qieghed isir.

   L-istess konkluzjoni wasal ghaliha l-perit Tancred Mifsud li kien gie nkarigat biex jaghti parir minn xerrejja prospettivi. F'rapport datat 23 ta' Jannar 2010 (fol. 55) qal:

   *"From the results of the core tests and residue of the broken concrete (original cast), the failure of the original slab could be either of the following:*

   ***Overloading of slab during construction stage***
   ***Premature removal of shutter/prop-work****"*.

3. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti ghamel hafna enfazi fuq dak li xehed il-perit Stephen Psaila (fol. 85-87). Pero' dan ix-xhud ma ta l-ebda hjiel ta' x'setghet kienet ir-raguni ghalfejn fis-soqfa feggew il-konsenturi. Ghalhekk ta' xejn l-appellant jipprova jiggranfa ma' dak li xehed il-perit Psaila.

4. Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 1638 tal-Kodici Civili, li l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghalih, m'huwiex rilevanti ghall-ezitu tal-vertenza. F'dan il-kaz m'hemmx prova li l-fond li bena l-appellant, kien iggarraf kollu jew bicca minnu. Lanqas m'hemm prova li kien hemm periklu car li ser jiggarraf. Il-kaz in ezami hu kaz semplici ta' nuqqas ta' kuntrattur

fil-qadi ta' dmirijietu. F'dan ir-rigward tajjeb li jigi mfakkar li l-kuntrattur jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu (ara sentenza ta' din il-qorti[1] fil-kawza **Biagio Muscat vs Anthony Falzon et** tat-12 ta' Mejju 2003). Ghalkemm ma giex determinat b'certezza x'kienet ir-raguni ghalfejn hargu l-konsenturi, l-ewwel qorti kellha zewg verzjonijiet ta' periti li jaqblu ma' xulxin. Ir-ragunijiet li ssemmew mill-perit Mifsud u Azzopardi ghalfejn kien hemm il-konsenturi fis-soqfa, kollha jippontaw fid-direzzjoni tal-appellat. Verzjonijiet li jiskreditaw dak li xehed l-appellant. Il-hsara saret jew minhabba li:-

- l-armar tnehha qabel iz-zmien;
- fuq il-konkos tpogga piz qabel il-konkos nixef sew.

Ghalhekk l-ewwel qorti kienet korretta meta qalet: *"Ma hemm ebda prova kuntrarja ghal dak li kkonstataw zewg periti separati,….., illi l-hsara illi sehh fuq is-soqfa ma kienx rizultat ta' materjal difettuz, kif allega l-intimat fl-eccezzjonijiet tieghu, izda rizultat ta' zewg fatturi li ghalih kien responsabbli l-intimat: jew is-saqaf tghabba izzejjed waqt li kien qed jinbena jew inkellha zzarma qabel ma lahaq ghaqqad sufficjentement.*

*Iz-zewg ragunijiet indikati mill-Periti u mhux kontradetti lkoll jindikaw illi n-nuqqas kien attribwibbli unikament lill-intimat".*

Fir-rikors tal-appell, l-appellant isostni li *"… d-direttur tas-socjeta attrici kien imur jara x-xogholijiet regolarment u fl-ebda stadju ma xehed li s-shutter kien izzarma malajr jew li kien tghabba xi piz kbir fuq is-saqaf fit wara li kien gie applikat il-konkos tas-saqaf"* (fol. 2). Pero l-prova teknika li kellha l-qorti turi mod iehor. F'kull kaz il-kommittent m'huwiex il-persuna teknika.

Billi l-veretenza hi minnha nnifisha ta' natura teknika, il-qorti ma kellhiex alternattiva ohra ghajr li tistrieh fuq opinjoni teknika li ma gietx skreditata. Mill-provi rrizulta li t-testijiet li saru fuq il-konkos, urew li l-konkos kien ta' kwalita' tajba. Il-fatt li l-perit Psaila xehed li:

- *"…. li ma niftakarx li kellna xi problemi dwar l-arma u dwar din il-kwistjoni"*; u
- "Mitlub mill-qorti jekk niftakar li kien hemm xi problema dwar xi saqaf, ghid li jien qatt ma smajt bl-ebda problema";

ma jistax iservi bhala certifikat li jezonera lill-appellant mir-responsabbilta. Il-provi teknici li tressqu mill-appellata kienu skjaccanti u ghalhekk l-appellant irid iwiegeb ghan-nuqqasijiet tieghu fit-twettiq tal-appalt li nghata mill-appellata.

---

[1] Imhallef P. Sciberras.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.